# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Rikors Nru. 795/2009GM**

**C&F BUILDING CONTRACTORS LIMITED (C15308)**

**vs**

**CARMEL RAY MICALLEF U MARTIN CURMI**

Seduta tal-4 t'April 2019

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta` attriċi bil-proċedura sommarja speċjali li abbażi tal-premessi illi:

1. kienet responsabbli mix-xogħolijiet ta' kostruzzjoni tal-fabbrika l-ġdida tal-Coca Cola ġewwa l-Marsa.

2. waqt dawn ix-xogħolijiet, qabbdet lill-intimati sabiex jesegwixxu xogħol ta' kostruzzjoni ta' parti mill-fabbrika senjatament l-*administration building* u l-*boundary wall* valur tax-xogħol imsemmi ammontanti komplessivament għal €139,100.89 skond fattura maħruga f'isem Martin Curmi u ffirmata mill-intimat l-ieħor Ray Micallef konsistenti f'€119,496.86 oltre €19,604.03 li l-konvenuti baqgħu ma ħarġux fattura fuqhom iżda jirrizultaw minn kont rivedut maħruġ f'Ottubru 2008 u Frar 2009.

3. ħallset lill-konvenuti l-ammont kollu indikat fil-fattura fuq imsemmija oltre l-ammont inkluż fil-kontijiet hawn fuq imsemmija billi kkonsenjat lill-intimati materjal għal valur ta' €79,713.68 kif jirriżulta mill-istatement markat Dok CF4 liema ammont hija paċiet mal-ammont dovut lill-intimati, waqt li ħallset l-ammont ta' €106,993.22 permezz ta' diversi ċekkijiet li n-numru tagħhom jidher mill-istatement DokCF5 u li kopja tal-istess ser jiġu ppreżentati matul l-ewwel udjenza tal-kawża.

4. wara li għamlet il-kalkoli tagħha, intebħet illi effettivament kienet ġiet ħallset lill-intimati s-somma ta' €186,706.89 iġifieri €47, 606 iktar milli kellha tħallas.

5. għalhekk dan l-ammont ta' Euro47,606 tħallas indebitament u għandu jiġi rifuż.

6. Illi dan l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut.

talbet lil Qorti sabiex tiddeċiedi illi:

1. €47,606 tħallset lill-konvenuti indebitament
2. Tikkundannhom jew min minnhom iħallsu s-somma ta' €47,606 bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru 1246/09 u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa stess għas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-Rikors Maħluf;

Rat in-Nota mressqa mill-konvenut Carmel Ray Micallef fit-28 ta' Ottubru, 2009;

Rat id-degriet tagħha (diversament preseduta) tal-4 ta' Novembru, 2009, li bih tat lill-imħarrkin żmien biex jitħallew jikkontestaw il-kawża;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-konvenut **Carmel Ray Micallef** li eċċepixxa illi:-

1. t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

2. l-eċċipjent huwa kummerċjant illi jaġixxi mhux f'ismu personali iżda biss tramite s-soċjeta kummerċjali R.C Construction Company Limited, u għalhekk it-talbiet attriċi kif diretti fil-konfront tiegħu għandhom jiġu respinti u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

3. l-azzjoni attriċi tistrieħ fuq Dok CF2 li nħareġ minn Dennis Sant, *quantity surveyor* inkarigat mis-soċjeta attriċi, illi qatt ma kejjel fil-preżenza tal-eċċipjenti, u fil-fatt il-kejl illi sar huwa monk f'ħafna aspetti tiegħu.

4. l-eċċipjenti inkariga lil Kevin Parascandolo bħala *quantity surveyor* sabiex ikejjel ix-xogħol b'mod dettaljat, kif jirriżulta mid-dokument illi diġa ġie esebit fl-atti ta' dawn il-proċeduri mmarkat bhala Dok RM4- dan il-kejl sar b'ħafna aktar reqqa u fid-dettall mill-kejl tal-espert inkarigat *ex parte* mis-soċjeta` attriċi u għalhekk huwa aktar ta' min wieħed jistrieħ fuqu.

5. mill-istess Dok RM4 jirriżulta illi il-kejl magħmul mis-*surveyor* inkarigat mill-eċċipjenti mhux biss ma jaqbilx mal-kejl illi sar mill-espert imqabbad mill-attriċi iżda abbażi tal-istess, jirriżulta illi hija s-soċjeta' attriċi illi għandha tagħti fuq dan il-kuntratt u mhux *vice versa* u dan kif jista' jirriżulta mill-kalkoli magħmula mill-eċċipjenti fid-dokument illi diġa` jinsab esebit in atti immarkat bħala Dok RM5, illi jistrieħ fuq il-kejl magħmul mill-*quantity surveyor* Kevin Parascandolo, imqabbad mill-istess eċċipjenti.

6. mid-dokument immarkat Dok RM5, jirriżulta illi s-soċjeta' attriċi hija debitriċi tal-eċċipjenti fl-ammont ta' €15,491.24;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-konvenut **Martin Curmi** li eċċepixxa illi:-

1. m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi u għalhekk għandu jiġi assolt mit-talbiet tagħha.

2. ma teżisti l-ebda solidarjeta`, la attiva u anqas passiva, bejn l-esponent u l-konvenut Carmel Ray Micallef, u l-prova tal-kuntrarju tinkombi fuq is-soċjeta attriċi.

3. qatt ma tħallas flus mis-soċjeta attriċi u għalhekk l-azzjoni dwar *indebiti solutio* minnha esperita ma kellhiex tiġi diretta fil-konfront tiegħu.

4. kwalsiasi *mala fede* għandha tiġi ippruvata mis-soċjeta' attriċi.

5. it-talba tas-soċjeta` attriċi għall-ħlas ta' somma flus hija ġuridikament insostenibbli billi s-soċjeta` attriċi mhux qed tallega ħlas indebitu ta' flus iżda ta' oġġetti determinati, u għalhekk it-talbiet tagħha kif dedotti kellhom jiġu preċeduti u subordinati għal talba għar-restituzzjoni tal-oġġetti ikkonsenjati indebitament a tenur tal-Artikolu 1024 tal-Kodiċi Ċivili;

6. is-soċjeta' attriċi trid tipprova li sar ħlas meta dan ma kienx dovut, u kif ukoll li l-ammont minnha reklamat tħallas mingħajr ma kien dovut u li dan il-ħlas sar b'konsegwenza ta' żball.

7. kwalsiasi rifużjoni li tista' tingħata lis-soċjeta` attriċi għandha tirrifletti l-arrikkiment favur il-persuna li rċeviet il-ħlas, u d-diminuzzjoni patrimonjali subita mis-*solvens*;

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha fl-atti tal-proċess;

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Jannar 2010 li permezz tiegħu ordnat li l-atti tar-Rikors Maħluf numru 1148/2009 RCP jinġiebu quddiem din il-Qorti kif allura preseduta biex jinstemgħu flimkien mal-atti ta' din il-kawża[1];

[1] Fol 69

Rat id-degriet tagħha (diversament preseduta) tas-27 ta' Jannar, 2011 , li bih ħatret bħala Perit Tekniku lill-Arkitett Godwin P. Abela, biex jiġbor il-provi tal-partijiet dwar l-aspett tekniku nvolut fil-każ u dwar il-ftehim milħuq mill-partijiet, ix-xogħol appaltat konsenjat u l-ħlasijiet relattivi li saru u lil min u dawk li jistgħu jkunu dovuti;

Rat ir-relazzjoni mressqa fl-2 ta' Diċembru 2016, mill-imsemmi Perit Tekniku u n-nota korrettiva għall-istess rapport[2];

Rat it-tweġibiet tal-Perit Arkitett Godwin P. Abela għall-mistoqsijiet li għamlulu in eskussjoni s-soċjeta` attriċi u l-konvenut Ray Micallef;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat li kien biss il-konvenut Carmel Ray Micallef li ressaq nota ta' sottomissjonijiet minkejja li l-Qorti estendiet l-opportunita` biex dawn isiru;

**Ikkunsidrat:**

Illi jirriżulta illi s-soċjeta` attriċi ikkuntrattat sub-appalt sabiex għall-bini ta' blokk uffiċini u *boundary wall* li kienu jiffurmaw parti minn proġett akbar li jinkludi fabbrika għal *General Soft Drinks Co.Limited*. L-attriċi fetħet din il-kawża għas-somma ta' sebgħa u erbgħin elf u sitt mija u sitt Euro (€47,606) rappreżentanti xogħol imħallas indebitament lill-konvenuti għax-xogħol li għamlu fil-fabbrika l-ġdida ta' *General Soft Drinks Co. Limited*;

[2] fol 324

Illi din il-Qorti sejra tibda biex tikkunsidra t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Carmel Micallef li huwa kkuntratta f'isem is-soċjeta` kummerċjali R.C. Construction Company Limited u mhux f'ismu personali u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut l-ieħor Martin Curmi li huwa m'għandu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta` attriċi, għaliex jekk jintlaqgħu dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunx hemm lok li tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjonijiet l-oħrajn;

**Jekk l-konvenut Raymond Micallef hux il-leġittimu kuntradittur**

Illi huwa minnu li:

"Meta negozju jkun ġestit minn soċjeta` b'responsabilita` limitata, u għaldaqstant minn persuna ġuridika indipendenti, huwa l-obbligu tagħha li tindika dan fl-aktar mod ċar u inekwivoku lit-terzi li jkunu qegħdin jinnegozjaw magħha. Tali indikazzjoni għandha ssir ukoll fuq l-*invoices, statements*, etc. relatati ma' akkwisti magħmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa t-terz għandu kull dritt jippreżumi li qiegħed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod ieħor;

"Normalment bniedem jikkontratta għalih innifsu, sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddiehor, jew jekk dan ma jindikaħx espressament, il-kontraent l-ieħor ikun ragonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor. Il-piż tal-prova li min jikkontratta għamel hekk f'isem ħaddieħor tinkombi fuq min jagħmel l-allegazzjoni" u;[3]

[3] Camel Brand Co Ltd Vs Debono Michael, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili - 21 ta' Marzu 2002

Illi għalhekk huwa l-konvenut Micallef li kellu jġib il-prova li s-soċjetà attriċi kienet ġiet mgħarrfa li n-negozju kien qiegħed jiġi ġestit mis-soċjetà *R.C Construction Company Limited* u mhux f'ismu personali;

Illi l-konvenut Carmel Micallef[4] jgħid illi minn meta fetaħ il-kumpanija tiegħu *R.C Construction Company Limited* fl-1990 qatt aktar ma ħa xogħol fuq ismu personali. Fil-fatt lanqas għandu numru tal-VAT irreġistrat fuq ismu. Huwa kien ilu jieħu xogħol mingħand C&F Building Contractors Ltd, u dan għamlu dejjem f'isem is-soċjeta` tiegħu stess R.C. Construction Company Limited. Din ix-xhieda ma ġietx kontradetta, la permezz ta' kontro-eżami u lanqas permezz ta' provi kuntrarji u għalhekk jirriżulta li C&F Building Contractors Ltd kienet taf li kienet qiegħdha tikkuntratta mal-kumpannija u mhux mal-individwu. Għalhekk f'każijiet bħal dawn dak li ġara wara li ġie pattuwit (verbalment) is-subappalt m'għandux jittieħed bħala indizju ta' ftehim anteċedenti ma' Micallef personalment – bħal xi ċekkijiet li nħarġu f'ismu. Dan apparti li nħarġu ċekkijiet direttament f'isem il-konvenut l-ieħor Martin Curmi u li l-unika fattura in atti hija wkoll maħruġa mill-istess Martin Curmi, għall-ammont ta' €101,268.53, u mhux minn Carmel Micallef. Iżda f'dan il-każ il-Qorti tista' tistrieħ fuq prova aqwa – l-ammissjoni ta' C&F Building Contractors Ltd innifisha, li fil-kawża **R.C. Construction Company Limited v C & F Building Contractors Limited** (Rik. Gur. 1148/09) li qiegħda tinstema' kontestwalment ma' din il-kawża, u li qiegħdha tiġi deċiża f'din l-istess seduta, u li għandha l-istess mertu ta' din il-kawża, hija teċepixxi li "s-soċjeta` eċċipjenti ħallset dak kollu li kien minnha dovut lil dik rikorrenti". Il-Qorti ma tistax ma taqbilx ma' dak li jissottometti l-konvenut Micallef li din hija ammissjoni li fil-fatt innegozjat ma' **R.C. Construction Company Limited** u mhux ma' Micallef personalment. Biex tkun konsistenti

[4] A *fol* 169.

magħha nfisha, **R.C. Construction Company Limited** f'dik il-kawża kellha teċepixxi n-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika ta' **R.C. Construction Company Limited** billi tistqarr li hi kkuntrattat ma' Micallef u mhux magħha;

**Relazzjoni ġuridika bejn il-konvenut Martin Curmi u s-soċjeta` attriċi**

Illi dwar is-sub-appalt l-konvenut Micallef jgħid illi "Martin Curmi kien sħab miegħi fuq dan il-proġett pero` l-kuntratt tas-subappalt ingħata lili mis-soċjeta` attriċi". Għalhekk Martin Curmi ma kellu l-ebda relazzjoni ma' **C & F Building Contractors Limited** rigward is-subappalt;

Illi huwa minnu li l-konvenut Micallef xehed ukoll illi f'xi okkażjonijiet ta struzzjonijiet lill-attriċi biex "toħroġ l-*invoices* u pagamenti fuq in-numru tal-VAT ta' Martin Curmi"[5] u mhux fuq il-kumpannija tiegħu. Dan għamlu għax il-konvenut Curmi "*kellu bżonn jissellef xi flus mill-bank u biex isellfuh kellu bżonn juri illi qiegħed idawwar lira*"[6];

Illi skont il-konvenut Curmi[7] huwa ma kienx involut fil-kostruzzjoni tal-fabbrika l-ġdida tal-*General Soft Drinks Company Limited*. Jgħid illi ġieli l-konvenut Micallef xtara materjal bin-numru tal-VAT tiegħu pero` qal illi Micallef ma kienx jinfurmah u kien jagħmel hekk minn wara dahru. Sar jaf li hemm xi problemi ma' *C&F Building Contractors Limited* meta ġie notifikat bil-Mandat ta' Sekwestru u nżammu il-flus tiegħu u ta' Micallef. Sebgħa u għoxrin fattura ippreżentati fl-atti tal-kawża (Dok CF4) iġibu n-numru tal-VAT tiegħu iżda jgħid illi ma jafx bihom u

[5] A *fol* 134.
[6] A *fol* 196.
[7] fol 174

lanqas jaf li l-ħlasijiet (Dok CF5)[8] kienu saru lil Raymond Micallef mis-soċjeta` attriċi. Iżda mbagħad jikkonferma illi meta l-konvenut Micallef talbu irċevuta tal-VAT hu tagħielu;

Illi kienet x'kienet ir-raġuni l-għala nħarġu ċerti ċekkijiet f'isem Curmi, jibqa' l-fatt li l-pagamenti saru bħala ħlas ta' xogħol li wettqet **C & F Building Contractors Limited,** u, jekk sar xi ħlas żejjed, dan huwa dovut minn din is-soċjeta` u mhux minn Curmi;

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Carmel Micallef u l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut l-ieħor Martin Curmi u konsegwentement tastjeni milli tieħu għarfien tat-talbiet attriċi u teħlishom mill-osservanza tal-ġudizzju.

Spejjeż a kariku tas-soċjeta` attriċi.

**Onor. Imħallef**
**Grazio Mercieca**

[8] *fol* 11